## Tagħrif dwar l-Avvent

### 1.0 L-Avvent fil-mixja fil-fidi tan-nisrani

**A**vvent: Meta l-ewwel ittra tkun kbira (*capital letter*)din il-kelma - Avvent tirreferi għaż-żmien liturġiku qabel il-Milied; tirreferi wkoll għat-tieni miġja tal-Mulej fl-aħħar taż-żmenijiet- fl-aħħar tad-dinja.

### 2.0 L-Etmoloġija tal-kelma: Avvent

Il-kelma ġejja mill-latin: adventus: miġja, jew *approach*

Għandna ukoll il-prepożżizjoni ad: lejn (*towards*),

il-għerq tal-verb *ven* mill-verb *venire*: ġej, (to come) u,

is-suffiss**:** ***tus*** li jindika li huwa verb (azzjoni) Immela: Adventus.

Biex insemmu xi wħud mill-lingwi Ewropej: Advent, Advento, Avent, Avvento, Adviento.

Ġaladarba l-kelma Avvent tfisser 'li xi ħaġa ġejja', tindika li teħtieġ tħejjija; liema tħejjija tispira stennija!

### 3.0 L-Avvent fl-Istorja tal-Knisja

- It-tiswir tal-perjodu tal-Avvent kif nafuh illum għandu l-istorja tiegħu wkoll. L-ewwel idea ta' perjodu ta' tħejjija qabel il-Milied, skont l-istorja beda fi Franza, mill-monaċi Kelti, għall-ħabta tar-raba' seklu. Dawn kienu daħlu d-drawwa ta' sitt ġimgħat ta' preparazzjoni spiritwali li kienet tinkludi sawm ukoll, liema sawn kien wisq inqas strett minn dak mitlub fi żmien ir-Randan.

- Għall-ħabta tal-istess perjodu, f'Ruma wkoll bdiet id-drawwa tal-Avvent bħala preparazzjoni għall-Milied. Dan iż-żmien kien itul bejn tliet u sitt ġimgħa. F'dawn il-ġranet l-insara kienu mitluba li jattendu għall-funzjonijiet liturġiċi b'mod regolari.

- L-Avvent kif nafuh llum, issawwar taħt il-Papa Gregorju I (snin 504-604). Huwa stabilixxa l-Avvent għall-perjodu ta' madwar erba' ġimgħat u kiteb il-materjal liturġiku għal dan iż-żmien. Maż-żmien il-lewn vjola sar il-kulur liturġiku għal żmien l-Avvent.

- Fis-seklu għoxrin, l-Avvent beda jieħu aktar xeħta ta' stennija attiva fil-ferħ; liema stennija twassal lill-bniedem għall-aktar fidi ħajja u matura. Stennija li toffri sfidi spiritwali sabiex il-bniedem jaċċetta lill-Ġesù f'ħajtu, jilqgħu bil-ferħ bħala l-ħabib ta' ħajtu ukoll żmien fejn wieħed/waħda tista' ifittex li ġġedded r-relazzjoni ma' Ġesù. Hu x'inhu l-istat tal-fidi tal-bniedem, l-Avvent huwa stennija attiva fil-ferħ, żmien ta' tama, żmien li joffri paċi dejjiema, kif jaf joffri t-twelid ta' Ġesù, liema twelid huwa frott ta' kollaborazzjoni mal-grazzja ta' Alla. Twelid li joffri paċi vera u reali.

### 3.1. L-Avvent fil-Knisja tal-Punent

- Fil-Knisja tal-Punent l-Ewwel Ħadd tal-Avvent jiġi Ħadd fuq il-festa ta' Kristu Re. F'dan il-Ħadd tibda wkoll is-sena liturġika tal-Knisja u fl-istess jum jibda ċ-ċiklu tal-Milied li jispiċċa nhar it-2 ta' Frar, festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju – il-Gandlora.

- L-Avvent fil-madwar erba' ġimgħat, it-Tielet Ħadd huwa Ħadd il-Ferħ (Gaudete); f'dan il-Ħadd, l-introjtu taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika (quddiesa) jibda: 'Ifirħu dejjem fil-Mulej; nerġa' ngħidilkom ifirħu; il-Mulej qorob.' ( Fil-4: 4-5)

- Teknikament l-Avvent jispiċċa fil-24 ta' Diċembru, lejlet il-Milied.

### 3.2. L-Avvent fil-Knisja Orjentali

- Fil-Knisja Orjentali, l-Avvent huwa perjodu ta' talb u sawm (inqas intensiv fis-sawm mir-Randan). F'ċerti pajjiżi dan il-perjodu jissejjaħ: *Advent Fast* jew *Nativity Fast,* dejjem bi preparazzjoni għall-Milied.

- Dawk il-Knejjes li jiċċellebraw il-Milied nhar l-24 ta' Diċembru, dan il-perjodu jibda l-għada tal-Festa ta' San Filippu Appostlu – 14 ta' Novembru u jibqa' sejjer għall-40 jum sal-24 ta' Diċembru.
- Dawk il-Knejjes li jiċċellebraw il-Milied nhar is-7 jew 8 ta' Jannar, l-Avvent jibda lejn l-aħħar ta' Novembru.(jiċċelebraw il-Milied f'dawn il-ġranet għaliex jimxu mal-kalendarju Ġiljan- Julius Calendar)

## 4.0 Il-Kuluri Liturġiċi tal-Avvent

- Fil-Knisja Rumana Kattolika, il-kulur liturġiku uffiċjali tal-Avvent huwa l-VJOLA. Għalhekk il-kulur tal-pjaneta (chasuble)taċ-ċelebrant fil-quddiesa jkun ta' lewn vjola; fit-Tielet Ħadd tal-Avvent jintuża l-kulur ROŻA – simbolu ta' ferħ.

- F'ħafna knejjes Anglikani u Protestanti fl-Avvent jintuża l-kulur BLU. Fit-Tielet Ħadd jintuża l-lewn ROŻA.

## 5.0 Is-seba' Antifoni li jibdew bil-'O' ( *The 'O' Antiphons)*

- Fi żmien l-Avvent bejn is-17-23 (l-24 ikun lejlet il-Milied u l-Liturġija tas-sigħat tkun dik tal-okkażjoni) insibu is-Seba' Antfoni li jibdew bil-'O'. Dawn l-antifoni kienu jitkantaw b'ħafna solennita' waqt il-liturġija tas-sigħat fil-monasteri, f'Ruma sa mit-tmin seklu.

### 5.1. Antifona

Tifsira tal-kelma Antifona: Din hija versett li jinqara jew jitkanta f'diversi okkażjonijiet relatati mal-liturġija: jinqara/jitkanta qabel il-qari tal-Evanġelju, jinqara/jitkanta ukoll fil-Liturġija tas-Siegħat qabel is-salmi u/ jew qabel l-Innu tal-Manifikat/ Benedictus.

L- hekk imsejħa 'O antiphons' jinqraw/jitkantaw qabel il-qari tal-Evanġelju fil-ġranet mis-17 sat-23 ta' Diċembru**.**

### 5.2. L**-importanza u s-sinifikat ta' dawn l-antifoni.**

- ❖ Kull antifona tagħti titlu lill-Messija: Ġesu' Kristu.
- ❖ Kull antifona tirreferri għall-profezziji tal- Profeta Isaija, liema profeziji kienu jħabbru l-migja tal-Mulej.

**Is-Simboli li jintuża biex jindikkaw dawn l-antifoni**




Dawn l-antifoni huma:

**O Sapientia** - **O Għerf** tal-għoli, li tqassam kollox bil-qawwa u l-ħlewwa, ejja għallimna triq il-għaqal. (ara Isaija 11: 2-3 u Is. 28: 29)

**O Adonai** - **O Mexxej** tad-dar ta' Israel, li tajt il-liġi 'l Mose' fuq is-Sinaj, ejja ifdina bil-qawwa ta' driegħek. ( ara Is. 11: 4-5 u Kap. 33: 22)

**O Radix Jesse** - **O Għerq ta' Ġesse**, li waqaft bħala sinjali għall-popli, ejja biex teħlisna u la tiddawwarx. (ara Is. 11:10).

**O Clavis David** - **O Muftieħ ta' David**, li tiftaħ bibien is-Saltna ta' dejjem, ejja ħa toħroġ lill-bniedem mill-jasar u d-dlam tal-ħabs.
(ara Is. 22:22 u Kap. 9:6).

**O Oriens** - **O Xemx tielgħa** , dija tad-dawl ta' dejjem u xemx tal-ġustizzja, ejja u dawwal ' il dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.
( Is. 9: 1).

**O Rex Gentium** - **O Sultan tal-ġnus,** ġebla tax-xewka tal-Knisja, ejja u salva l-bniedem li int għamilt mit-trab.( Is. 2:4)

**O Emmanuel-** **O Għimmanu-El,** Sultan tagħna li tajtna liġi, ejja u salvana, Mulej. (Is. 7: 14).

## 6.0 Tradizzjonijiet simboliċi li jintużaw fi żmien l-Avvent



### 6.1 Il-girlanda tal-Avvent: *The Advent wreath*

F'pajjizna daħlet sewwa l-kultura tal-girlanda tal-Avvent- l-Advent Wreath . Qed tiġi armata fl-iskejjel, fid-djar u anke fil-knejjes. Din il-girlanda, x'aktarx bdiet mill-pajjiżi Nordiċi, probbabilment mil-Ġermanija, madwar is-seklu sittax. **Din il-girlanda tissinifika t-tama tal-bniedem f'Ġesu` Kristu li huwa d-dawl tad-dinja.**

Il-girlanda tkun magħmula minn weraq *evergreen*, li jisimbolizzaw it-tama- il-kontinwazzjoni tal-ħajja. Għalina l-insara dan kollu b'attitudni Kristoċentrika.

- Tradizzjonalment, il-girlanda tal-Avvent tkun forma ta' ċirku li jissimbolizza l-imħabba ta' Alla li hija bla bidu u bla tmiem. *M*ad-dawra tagħha, il-girlanda jkollha, tliet xemgħat vjola u waħda roża. Kull Sibt fil-għaxija waqt l-Ewwel Għasar bi preparazzjoni għall-Ħadd, jew fil-quddiesa tas-Sibt fil-Għaxija, tinxtegħel xemgħa waħda; hekk sa lejlet il-Milied l-erba' xemgħat ikunu mixgħula. Kull xemgħa tissimbolizza qalb il-bniedem, liema qalb tkun qed tiġi imħejjija tajjeb biex tilqa' fiha lil Ġesù, li Hu d-dawl veru tal-ħajja tal-bniedem.

- Tradizzjonalment fil-quddiesa tal-lejl tal-Milied, din il-girlanda ma tintużax aktar, l-Avvent ikun spiċċa. Imma, ġieli nsibu min fin-nofs ta' din il-girlanda jpoġġi xemgħa bajda li tinxtegħel fil-lejl tal-Milied, u flok ix-xemgħat ta' lewn vjola u roża, jpoġġi oħrajn ta' lewn abjad u dehbi/ fidda.

**6.2. Tifsira tradizzjonali tax-xemgħat**.

- L-ewwel xemgħa, ta' lewn vjola, li tinxtegħel għall-ewwel Ħadd tal-Avvent, tissejjah ix-xemgħa tal-Profeta; tissimbolizza **t-Tama**.

- It-Tieni xemgħa ta' lewn vjola, tissejjaħ ix-xemgħa ta' Betlem, tissimbolizza **l-Fidi,**

- It-tielet xemgħa ta' lewn roza tissejjaħ ix-xemgħa tar-Rgħajja, tissimbolizza **l-Ferħ.**

- Ir-raba' xemgħa, ta' lewn vjola tissejjaħ ix-xemgħa tal-Anġli, tissimbolizza **l-Paċi.**

**7.0 L-istilla tal-Avvent**



Għall-ħabta tas-sena 1850, fil-Morovja, fir-raħal ta' Herrnhutt, tpoġġiet għall-ewwel darba l-istilla tal-Avvent. Din kienet tissimbolizza l-istilla li warajha mxew it-tliet slaten Maġi sakemm sabu lil Ġesu' Bambin li huwa 'il-kewkba tiddi ta' filgħodu'. (Apok. 22: 16). F'dan il-pajjiż, tradizzjonalment din l-istilla tintrema f'kull dar fil-bidu tal-Avvent u tibqa' sa l-Epifanija: iż-Żjara tat-Tliet Slaten Maġi.